MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 1270/2004

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta' estera ta' The Performing Right Society ta' Londra, Ingilterra**

**vs**

**M. & C. Co. Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Gunju, 2004 fejn intalab il-hlas ta' disgha u erbghin lira Maltija u sitta u hamsin centezmu (Lm49.56) kwantu ghal tnejn u erbghin lira (Lm42.00)**

**Royalty dovuta bil-quddiem ghall-perjodu mis-6 ta' Ottubru, 2003 sal-5 ta' Ottubru, 2004, in konnessjoni**

**mal-licenzja Nru. 010987 (Dok A) rilaxxjata mis-socjeta` attrici a favur tal-konvenut, b'liema licenzja l-konvenut qieghed jigi moghti d-dritt li jxandar lill-pubbliku muzika tutelata fl-istabbiliment "Trattoria Palazz", Valletta, u seba' liri u sitta u hamsin centezmu (Lm7.56) Taxxa fuq il-Valur Mizjud.**

**Is-socjeta' attrici qieghda titlob ukoll il-hlas tal-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data ta' l-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjez ta' l-avviz, komprizi dawk tal-ittra legali tal-31 ta' Dicembru, 2003 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fid-9 ta' Novembru, 2004, ghas-subizzjoni ta' rapprezentant tas-socjeta` konvenuta. Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba tas-socjeta` attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici is-somma ta' disgha u erbghin lira Maltija u sitta u hamsin centezmu (Lm49.56) bl-imghaxijiet kummercjali mis-6 ta' Ottubru, 2003.**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali tal-31 ta' Dicembru, 2003 ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------